**MALTA**

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA
## B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,

Seduta ta' nhar it-13 ta' Jannar 2025

Avviż Numru: 88/2023NHV

**Anthony Azzopardi**
detentur tal-karta tal-identità bin-numru 419957M u
**Charles Azzopardi**
detentur tal-karta tal-identità bin-numru 205854M
eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Azzopardi Fisheries

**vs.**

**Maximiliano Elvio Pignataro**
detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0286081A

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-13 ta' April 2023, li permezz tiegħu l-atturi talbu l-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' sebat'elef tliet mija u tnejn u ħamsin ewro u tnax-il ċenteżmu (€7352.12), rappreżentanti l-prezz bilanċjali ta' diversi konsenji ta' prodotti għall-konsum lilek mibjugħa w konsenjati, kif ukoll tħallas l-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-bejgħ sal-pagament effettiv.

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż, inkluż dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ippreżentat kontestwalment, tal-ittra bonarja u tat-taxxa fuq il-valur miżjud in konnessjoni mad-drittijiet professjonali fuq dawn il-proċeduri, bl-intimat inġunt in subizzjoni.

Rat li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem il-Qorti.

Rat il-**Kapitolu** li ġie ppreżentat mill-atturi fil-konfront tal-konvenut u l-fatt li l-konvenut Maximiliano Elvio Pignataro naqas milli jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk ai termini tal-Artikolu 702 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istess kapitolu għandu jittieħed bħala mistqarr.

Rigward l-interessi, dawna huma mitluba mid-data tal-bejgħ sal-pagament effettiv. Illi d-data tal-bejgħ ma ġietx iddikjarata u wisq inqas ippruvata u dana peress illi ebda fattura ma ġiet annessa mar-rikors promotur jew fil-mori tad-differiment. Kwindi, din il-Qorti ser tkun qiegħda takkorda l-ħlas tal-imgħaxijiet mid-data tal-preżentata tal-Avviż, sad-data tal-pagament effettiv.

**Deċide**

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-atturi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, il-Qorti tilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Maximiliano Elvio Pignataro iħallas lill-atturi s-somma ta' sebat'elef, tliet mija u tnejn u ħamsin ewro u tnax-il ċenteżmu (€7352.12), bl-imgħax legali dekorribbli mit-13 ta' April 2023 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, kif mitluba, huma a kariku tal-konvenut.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur